VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,023, 29 ta' Jannar, 2013
Taqsima B

A.L. 42 tal-2013

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2013 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Kirurġija Dentali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Kirurġija Dentali bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

L-Applikabilità

1. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-kors li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) - fil-Fakultà tal-Kirurġija Dentali li jibda f'Ottubru 2012 jew wara.

L-Għażla tal-Applikanti

2. Meta l-għadd ta' studenti li jistgħu jidħlu fi kwalunkwe qasam ta' studju jkun limitat mis-Senat skont id-dispożizzjonijiet tal-ordinament 6 tal-Ordinamenti tal-2012 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours), u l-għadd ta' applikanti eliġibbli jaqbeż l-għadd ta' postijiet disponibbli, l-għażla tal-applikanti għandha ssir skont il-kriterji mniżżla fl-ordinamenti 4 u 5 ta' dawn l-ordinamenti.

3. L-għadd ta' studenti li jitħallew jidħlu għal kull qasam ta' studju jkun limitat kif ġej:

(a) **l-Iġjene Dentali:** massimu ta' 14 -il student; u
(b) **it-Teknoloġija Dentali:** massimu ta' 10 studenti.

Il-Kriterji għall-Għażla

4. (1) L-applikanti għall-qasam ta' studju tal-**Iġjene Dentali** li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali u speċjali għad-dħul fil-kors skont kif imniżżla fl-ordinamenti tal-kors għandhom ikunu magħzula minn fost l-applikanti eliġibbli kollha skont il-kategoriji li ġejjin, imniżżla fl-ordni tal-preferenza:

L-ewwel kategorija:	dawk bi grad ‘A’ fil-Bioloġija u grad globali ‘A’ fiċ-Ċertifikat tal-Matrikola
It-tieni kategorija:	dawk bi grad ‘A’ fil-Bioloġija u grad globali ‘B’ fiċ-Ċertifikat tal-Matrikola
It-tielet kategorija:	dawk bi grad ‘A’ fil-Bioloġija u grad globali ‘Ċ’ fiċ-Ċertifikat tal-Matrikola
Ir-raba’ kategorija:	dawk bi grad ‘B’ fil-Bioloġija u grad globali ‘A’ fiċ-Ċertifikat tal-Matrikola
Il-ħames kategorija:	dawk bi grad ‘B’ fil-Bioloġija u grad globali ‘B’ fiċ-Ċertifikat tal-Matrikola
Is-sitt kategorija:	dawk bi grad ‘B’ fil-Bioloġija u grad globali ‘Ċ’ fiċ-Ċertifikat tal-Matrikola
Is-seba’ kategorija:	dawk bi grad ‘Ċ’ fil-Bioloġija u grad globali ‘A’ fiċ-Ċertifikat tal-Matrikola
It-tmien kategorija:	dawk bi grad ‘Ċ’ fil-Bioloġija u grad globali ‘B’ fiċ-Ċertifikat tal-Matrikola
Id-disa’ kategorija:	dawk bi grad ‘Ċ’ fil-Bioloġija u grad globali ‘Ċ’ fiċ-Ċertifikat tal-Matrikola
L-għaxar kategorija:	dawk bi grad ‘D’ fil-Bioloġija u grad globali ‘A’ fiċ-Ċertifikat tal-Matrikola
Il-ħdax-il kategorija:	dawk bi grad ‘D’ fil-Bioloġija u grad globali ‘B’ fiċ-Ċertifikat tal-Matrikola
It-tnax-il kategorija:	dawk bi grad ‘D’ fil-Bioloġija u grad globali ‘Ċ’ fiċ-Ċertifikat tal-Matrikola
It-tlettax-il kategorija:	dawk bi grad ‘E’ fil-Bioloġija u grad globali ‘A’ fiċ-Ċertifikat tal-Matrikola
L-erbatax-il kategorija:	dawk bi grad ‘E’ fil-Bioloġija u grad globali ‘B’ fiċ-Ċertifikat tal-Matrikola
Il-ħmistax-il kategorija:	dawk bi grad ‘E’ fil-Bioloġija u grad globali ‘Ċ’ fiċ-Ċertifikat tal-Matrikola.

(2) L-applikanti li jkollhom ir-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul jistgħu joffru ċ-ċertifikat li għaddew fil-Bioloġija jew bħala parti mir-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul jew b'żieda mar-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul.

(3) Meta l-applikanti joffru aktar minn ċertifikat wieħed li għaddew fil-Bioloġija, għandu jitqies l-aħjar grad.

5. (1) L-applikanti għall-qasam ta' studju tat-**Teknoloġija Dentali** li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali u speċjali għad-dħul fil-kors skont kif imniżżla fl-ordinamenti tal-kors għandhom ikunu magħzula minn fost l-applikanti eliġibbli kollha skont il-kategoriji li ġejjin, imniżżla fl-ordni tal-preferenza:

L-ewwel kategorija:	dawk bi grad 'A' fil-Kimika u grad 'A' fil-Bioloġija jew fil-Fiżika
It-tieni kategorija:	dawk bi grad 'A' fil-Kimika u grad 'B' fil-Bioloġija jew fil-Fiżika
It-tielet kategorija:	dawk bi grad 'A' fil-Kimika u grad 'Ċ' fil-Bioloġija jew fil-Fiżika
Ir-raba' kategorija:	dawk bi grad 'A' fil-Kimika u grad 'D' fil-Bioloġija jew fil-Fiżika
	dawk bi grad 'B' fil-Kimika u grad 'A' fil-Bioloġija jew fil-Fiżika
Il-ħames kategorija:	dawk bi grad 'A' fil-Kimika u grad 'E' fil-Bioloġija jew fil-Fiżika
	dawk bi grad 'B' fil-Kimika u grad 'B' fil-Bioloġija jew fil-Fiżika
Is-sitt kategorija:	dawk bi grad 'B' fil-Kimika u grad 'Ċ' fil-Bioloġija jew fil-Fiżika
Is-seba' kategorija:	dawk bi grad 'B' fil-Kimika u grad 'D' fil-Bioloġija jew fil-Fiżika
	dawk bi grad 'Ċ' fil-Kimika u grad 'A' fil-Bioloġija jew fil-Fiżika

It-tmien kategorija:	dawk bi grad ‘B’ fil-Kimika u grad ‘E’ fil-Bioloġija jew fil-Fiżika
	dawk bi grad ‘Ċ’ fil-Kimika u grad ‘B’ fil-Bioloġija jew fil-Fiżika
Id-disa’ kategorija:	dawk bi grad ‘Ċ’ fil-Kimika u grad ‘Ċ’ fil-Bioloġija jew fil-Fiżika
L-għaxar kategorija:	dawk bi grad ‘Ċ’ fil-Kimika u grad ‘D’ fil-Bioloġija jew fil-Fiżika
	dawk bi grad ‘D’ fil-Kimika u grad ‘A’ fil-Bioloġija jew fil-Fiżika
Il-ħdax-il kategorija:	dawk bi grad ‘Ċ’ fil-Kimika u grad ‘E’ fil-Bioloġija jew fil-Fiżika
	dawk bi grad ‘D’ fil-Kimika u grad ‘B’ fil-Bioloġija jew fil-Fiżika
It-tnax-il kategorija:	dawk bi grad ‘D’ fil-Kimika u grad ‘Ċ’ fil-Bioloġija jew fil-Fiżika
It-tlettax-il kategorija:	dawk bi grad ‘D’ fil-Kimika u grad ‘D’ fil-Bioloġija jew fil-Fiżika
	dawk bi grad ‘E’ fil-Kimika u grad ‘A’ fil-Bioloġija jew fil-Fiżika
L-erbatax-il kategorija:	dawk bi grad ‘D’ fil-Kimika u grad ‘E’ fil-Bioloġija jew fil-Fiżika
	dawk bi grad ‘E’ fil-Kimika u grad ‘B’ fil-Bioloġija jew fil-Fiżika
It-ħmistax-il kategorija:	dawk bi grad ‘E’ fil-Kimika u grad ‘Ċ’ fil-Bioloġija jew fil-Fiżika
It-sittax-il kategorija:	dawk bi grad ‘E’ fil-Kimika u grad ‘D’ fil-Bioloġija jew fil-Fiżika
Is-sbatax-il kategorija:	dawk bi grad ‘E’ fil-Kimika u grad ‘E’ fil-Bioloġija jew fil-Fiżika.

(2) L-applikanti li jkollhom ir-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul jistgħu joffru ċ-ċertifikat li għaddew fil-Kimika u ċ-ċertifikat li għaddew fil-Bioloġija jew il-Fiżika bħala parti mir-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul jew b'żieda mar-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul.

(3) Meta l-applikanti joffru aktar minn ċertifikat wieħed li għaddew fil-Kimika jew fil-Bioloġija jew fil-Fiżika, għandu jitqies l-aħjar grad.

6. Għall-għan tal-għażla, l-applikanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali u speċjali kollha għad-dħul fil-kors sal-31 ta' Awwissu ta' qabel ma jibda l-kors għandhom jitqiesu l-ewwel.

7. Jekk l-għadd tal-applikanti eliġibbli li jaqgħu fl-aħħar kategorija tal-applikanti eliġibbli biex jidħlu fil-kors skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn l-ordinamenti ikun tali li n-numru totali tal-applikanti biex jidħlu jaqbeż l-għadd ta' postijiet stabbilit mis-Senat, l-ewwel konsiderazzjoni għandha tingħata lil dawn:

(a) il-grad globali miksub fiċ-Ċertifikat tal-Matrikola mill-applikanti f'dik il-kategorija; u

(b) jekk dan ma jkunx biżżejjed, l-applikanti eliġibbli li jaqgħu f'dik il-kategorija għandhom ikunu intervistati mill-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà maħtur mis-Senat sabiex jimtlew il-post jew il-postijiet li jifdal. Il-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà għandu jqis il-ħiliet ta' kapaċità, motivazzjoni u komunikazzjoni tal-applikanti. Il-Kumitat, li jista' jkun megħjun minn kwalunkwe espert li l-Kumitat iqis neċessarju waqt l-intervisti tal-għażla, għandu jissottometti rapport dettaljat inkluż ir-rakkomandazzjonijiet finali tiegħu dwar l-għażla tal-applikanti lill-Bord għad-Dħul tal-Università.

It-Tħassir

8. L-Ordinamenti tal-2012 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – in Dental Technology, taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Kirurġija Dentali , ippubblikati bħala Avviż Legali Nru. 162 tal-2012, għandhom jitqiesu li spiċċaw mid-19 ta' Lulju, 2012.